# KNISJA KATIDRALI GĦAWDEX

**Uffiċċju Parrokkjali: Tel: 2155 4101 • fax 2156 4572 • Email: info@gozocathedral.org.mt • www.gozocathedral.org.mt**
**Ħinijiet: Filgħodu**: l-Erbgħa u l-Ġimgħa: Mit-8:30am - 10:30am, **Filgħaxija:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Mill-5:00pm - 7:00pm Knisja 21 556087
Arċ Mons. Ġ Attard 9984 7099/21566988(Dar) • monsjosephattard@gmail.com • Dun • Dun Joe Calleja 9944 7718 Fr. Michael Gales 79210205 • Librerija 21560479


## QUDDIESA B'SUFFRAĠJU TAL-PRESIDENT EMERITUS DR. GUIDO de MARCO

Nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru 2010 fl- 10.30 am, is-Soċjetà Filarmonika Leone b' kol-laborazzjoni mal-Parroċċa tal-Katidral sejra torganizza fil-Katidral quddiesa b' suffraġju għar-ruħ il-President Emeritus il-Professur Guido de Marco. Lill-Professur de Marco ħafna minna jiftakruh u jafuh sewwa għaliex diversi drabi matul is-sena kien jonorana bil-preżenza tiegħu u dan kemm għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-Katidral kif ukoll għad-diversi attivitajiet fil-każin tal-Banda Leone. Il-partitarji tas-Soċjetà Filarmonika Leone kif ukoll il-parruċċani tal-Katidral huma mħeġġa jattendu għal din il-quddiesa, anke b'turija t'apprezzament għall-interess li l-Professur de Marco kien jieħu fil-Każin u fil-Parroċċa tal-Katidral

## ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TA' KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU:

Nhar il-Ħadd li ġej, 21 ta' Novembru, niċċelebraw flimkien is-solennità ta' Kristu Sultan. Nistiednu lill-Insara kollha biex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni djoċesana li ssir fl-istess Ħadd wara nofsinhar, biex nitolbu flimkien u niċċelebraw lil Kristu Sultan tal-Maħfra. F'rabta mal-Pjan Pastorali, it-tema magħżula hi : Is-Sagrament tal-Qrar għajn ta' Fejqan. Minbarra l-fejqan spiritwali li niksbu permezz tal-maħfra sagramentali, nixtiequ nirriflettu wkoll dwar il-ħidma kbira li ssir fostna f'dak li għandu x'jaqsam mal-fejqan sħiħ tal-persuna, inkluż il-kura tal-morda tagħna. Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni din is-sena se ssir qrib l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Il-programm jibda b'korteo fl-4.00pm minn Pjazza San Franġisk. Minn hemm nimxu lejn il-Parkeġġ tal-Isptar Ġenerali fejn ikun hemm ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla, Esperjenzi ta' fejqan, Messaġġ mill-Isqof, kant u talb. Il-mistiedna speċjali se jkunu t-tfal li qed jitħejjew għall-ewwel qrara u dawk li jaħdmu favur il-morda.

Ikun hemm is-siġġijiet. **F'każ ta' maltemp,** l-attività ssir fir-Rotunda tax-Xewkija.

## BOOKING TAL-QUDDIES GHAS-SENA 2011:

Nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru se jibda l-booking tal-Quddies għas-sena li ġejja. Ġranet tal-ftuh se jkunu nhar it-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa bejn il-5.00pm u s-7.00pm.
Il-ħlas għal kull quddiesa skond it-tariffi maħruġa mill-Kurja huwa ta' 8 Ewro.
Infakkru wkoll lil dawk li għandhom Fundazzjonijiet li billi l-imgħax niżel ħafna, dawk li jixtiequ li jibqa' jsir l-istess ammont ta' quddies jistgħu jħallsu d-differenza. Jekk dan ma jsirx, il-quddies isir bl-ammont li jkun hemm.
Dwar dan tistgħu tkellmu lil Fr.Calleja fl-Uffiċċju Parrokkjali.

- **ĦARĠA GĦALL-ANZJANI**: Nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru ser issir ħarġa għall-anzjani. Tiġi ċċelebrata Quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija. Wara nagħmlu żjara fil-fabbriki ta' Magro Brothers, u light refreshments fil-Lantern Restaurant, Marsalforn. Trasport provdut fid-8.45am minn Pjazza Savina.
- **L-ISTATWA TAR-REDENTUR**: Bħalissa għaddej xogħol ta' restawr fuq l-istatwa devota tar-Redentur. Għal dir-raġuni l-istatwa bħalissa tinsab fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ix-xogħol qed isir minn Aaron Camilleri Cauchi u mistenni jieħu ftit ġimgħat. Kull offerta għal dar-restawr tkun apprezzata. Grazzi.

| | |
|---|---|
| **14.11.10** | 4.45am Mikelina Cutajar 5.45m M'Assunta Xuereb 6.45am Anthony Grech 7.45am George Sultana u Beninja Attard 10.30am Lawrence Camilleri 12.00pm Jason u Emanuel Gatt 5.00pm Fam. Scicluna/Spiteri 6.00pm Marija Ħili 7.15pm Francis, Mary u Domenic Grech |
| **15.11.10** | Il-Quddies kollu jkun b'suffraġju ta' Olga Cauchi**.** |
| **16.11.10** | 5.30am Skond l-intenzjoni ta' Mgr. Girgor Grech 6.15am Manuel u Victoria Grech u Rita Tabone, 7.30am Fam Micallef 8.00am Joseph Micallef 6.00pm Wiġi Bonnici 7.15pm Feliċ u Katerin Vella. |
| **17.11.10** | 5.30am Ġużepp u Ċensa Xerri 6.15am Saver Ħili 7.30am John u Josephine Saliba 8.00am Francesco Żammit 6.00pm Elija Mercieca 7.15pm Ġużi Calleja. |
| **18.11.10** | 5.30am Bertu Farrugia 6.15am Fam. Farrugia Dimech 7.30am Fam. Cilia/Scicluna 8.00am Ġużżeppa Grima 6.00pm Karlu u Marija Vella 7.15pm Alexia Baldacchino. |
| **19.11.10** | 5.30am Vittmi tal-Gwerra 6.15am Saver u Ġannina Ħili 7.30am Kurun u Carmela Muscat u Fam. Spiteri 8.00am Joseph, Carmela u Saver Micallef 6.00pm Fam. Farrugia/Conti 7.15pm Carmelo D'Anastasi. |
| **20.11.10** | 5.30am 6.15am Ġużeppi u Nenu Attard 7.30am 8.00am Fam. Cauchi/Micallef 6.00pm Joseph Grech 7.15pm Sr.Sylvia Gatt. |